# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 568

KAZ NRU. 680

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmel Pizzuto

u

Victor Azzopardi

dwar tkeccija allegata li hi ngusta

Data: 12 ta' Mejju, 1994

Chairman: Is-Sur Anthony Farrugia P.L.

## I. INTRODUZZJONI

B'ittra tat-tmintax (18) ta' Mejju, 1992 immarkata ME\62\92\19 il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rriferа din il-Kwistjoni tax-Xoghol ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

## II. ECCEZZJONI PRELIMINARI

Victor Azzopardi, li quddiem jissejjah l-"appellat" eccepixxa li hu m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-appellant Carmel Pizzuto stante li dan ma kienx impjegat tieghu (ta' l-appellat) izda tas-Socjeta' Victor Azzopardi Limited.

## III. PROVI

Biex isostni l-eccezzjoni tieghu l-appellat, oltre x-xhieda tieghu u ta' martu esibixxa diversi dokumenti kwazi kollha konnessi mal-hlas tat-taxxa fuq l-"income" u wera lit-Tribunal ic-c-"cheques" li bihom kien ihallas il-paga lill-appellant; biex jikkontesta din l-eccezzjoni l-appellant beda biex ipproduca bhala xhieda zewg ufficjali tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni li xehdu fuq avvenimenti li graw wara t-tkeccija; qabel ma' ha l-opportunita' li jixhed, l-appellant, waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Frar, 1994, talab li l-"occhio" tal-kaz jigi mibdul biex jinqara "Carmel Pizzuto u Victor Azzopardi Limited", talba li b'digriet tas-sebgha (7) ta' April 1994 giet michuda minn dan it-Tribunal li wara d-differixxa l-istess Kaz ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellat.

## IV. KUNSIDERAZZJONIJIET

Kif ga nghad, id-dokumenti esibiti huma kwazi kollha in konnessjoni mal-hlas tat-taxxa fuq l-"income" ta' l-appellant; dawn flimkien ma' l-imsemmija "cheques" murija lit-Tribunal ma' jhallu ebda dubju li l-appellant fil-fatt kien impjegat ma' "Victor Azzopardi Ltd" cioe' ma' persuna differenti minn dik li l-Ministru rriferixxa dan il-kaz biex kontra tieghu jsiru dawn il-proceduri u l-imsemmija talba ta' l-appellant biex isir tibdil fl-"occhio" tikkorobora li l-"employer" tieghu fil-fatt kien "Victor Azzopardi Ltd" u mhux "Victor Azzopardi", il-persuna kontra min l-appellant

talab lill-Ministru biex jirriferixxi lil dan it-Tribunal il-kaz tat-tkeccija tieghu (ta' l-appellant).

## V. DECIZJONI

Ghar-ragunijiet premessi, dan it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni preliminari sollivata mill-appellat cioe' li "l-appellat, Victor Azzopardi, m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-appellant Carmel Pizzuto stante li dan ma' kienx impjegat ta' l-appellat izda tas-Socjeta' Victor Azzopardi Limited" u jichad it-talbiet ta' l-istess appellant, Carmel Pizzuto kontenuti fl-"Statement of Case" tieghu.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet, it-Tribunal qieghed jintaxxa ghal kull wiehed miz-zewg difensuri li deheru ghaz-zewg partijiet id-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Anthony Farrugia
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU

mrg

TRIBUNAL INDUSTRIJALI
MALTA